MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Numru. 1050/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Massimo Zahra**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Massimo Zahra detentur tal-karta tal-identita` numru 28171(M).

Akkuzat talli:
F’Jannar 2006 u fix-xhur precedenti, f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghen jew assista lill-awturi tad-delitt li bihom id-delitt gie kkunsmat, b’mezzi kotnra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jeww billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz,

jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ai terminu tal-Artikoli 18, 42(c), 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi (ghen jew assista lill-awturi tad-delitt li bihom id-delitt gie ikkunsmat), ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminal, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna orha li tasserrixi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi inlfuwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' dan is-sub-titolu, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai termini tal-Artikolu 121A tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18, 42(c), 308, 309, 310, 184, u 121A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u konferma ta' tali ammissjoni mill-imputat Massimo Zahra wara li nghata z-zmien opportun mill-Qorti sabiex ikun jista' jirregola ruhu, issib lill-istess hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah sentejn (2) prigunerija u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qed tissospendi s-sentenza ghal zmien tlett (3) snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------